KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

BOT

ippreżentati fit-3 ta' Lulju 2007 [1]

1. Il-proċedura preliminari preżenti tirrigwarda s-sistema ta' tassazzjoni Olandiża fuq l-entitajiet ta' investiment kollettiv stabbiliti fl-Olanda. Din is-sistema hija maħsuba b' mod li t-taxxa dovuta lil dan l-Istat Membru fuq id-dividendi li huma rċevuti minn dawn l-impriżi mhijiex mħallsa minnhom stess iżda, wara li tkun saret d-distribuzzjoni tal-benefiċċji tagħhom, mill-azzjonisti kollha tagħhom. Għal dan il-għan, it-taxxa fuq id-dividendi mogħtija lill-impriżi ta' investiment kollettiv mill-kumpanniji stabbiliti fl-Olanda u miżmuma f'ras il-għajn minn dawn il-kumpanniji huma mħallsa lura lil dawn l-impriżi.

2. Bl-istess mod, l-impriżi ta' investiment kollettiv jirċievu ukoll mir-Renju tal-Olanda, tpaċija għat-taxxa miżmuma barra mill-pajjiż fuq id-dividendi ġejjin minn pajjiżi oħra. Din it-tpaċija hija suġġetta għal żewġ limitazzjonijiet. L-ewwel nett hija limitata għall-ammont ta' taxxa barranija li persuna naturali residenti fl-Olanda seta' jnaqqas mit-taxxa bis-saħħa ta' ftehim dwar il-ħelsien minn taxxa doppja eżistenti bejn ir-Renju tal-Olanda u l-pajjiż ta' investiment. It-tieni nett, it-tpaċija hija mnaqqsa skont is-sehem ta' azzjonisti mhux residenti jew mhux stabbiliti fl-Olanda fil-kapital tal-impriża kkonċernata.

3. Il-Hoge Raad der Nederlanden (Olanda) tistaqsi diversi domandi intiżi biex jippermettulha teżamina l-kompatibbiltà ta' dawn il-limitazzjonijiet mar-regoli tat-Trattat KE dwar il-moviment liberu tal-kapital.

4. Fil-konklużjonijiet preżenti nfakkar il-prinċipji ġenerali tal-ġurisprudenza għal dak li jirrigwarda d-delimitazzjoni ta' kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam ta' taxxa fuq id-dividendi u l-prevenzjoni ta' tassazzjoni doppja. Nindika r-raġuni, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, għaliex dawn iż-żewġ restrizzjonijiet huma, fl-opinjoni tiegħi, kuntrarji għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 56 KE u 58 KE.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

I — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

5. Skont il-kliem tal-Artikolu 56(1) KE, fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu li minnu dak l-Artikolu jagħmel parti, kull restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi hija pprojbita.

6. L-Artikolu 57(1) KE jipprevedi miżuri tranżitorji fir-rigward ta' pajjiżi terżi. Huwa jipprovdi li:

"Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 73b ma jippreġudikawx l-applikazzjoni għall-pajjiżi terzi ta' xi restrizzjonijiet li jkunu jeżistu fil-31 ta' Diċembru 1993 skond il-liġi nazzjonali jew il-liġi komunitarja dwar il-moviment tal-kapital lejn jew minn pajjiżi terzi li jinvolvi investiment dirett — inkluż ukoll investiment f'beni immobbli — l-istabbiliment, il-provvediment ta' servizzi finanzjarji jew id-dħul ta' titoli fi swieq kapital."

7. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 58 KE jipprovdi:

"1. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 56 m'għandhomx jippreġudikaw id-dritt ta' l-Istati Membri:

a) li japplikaw id-disposizzjonijiet relevanti tal-liġi fiskali tagħhom li jagħmlu distinzjoni bejn persuni li jħallsu t-taxxa li mhumiex fl-istess sitwazzjoni rigward il-post ta' residenza tagħhom jew rigward il-post fejn il-kapital tagħhom ikun investit.

b) li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jevitaw il-ksur tal-liġi u tar-regolamenti nazzjonali, partikolarment fil-qasam fiskali u fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji, jew li jimponu proċeduri għal skopijiet ta' informazzjoni amministrattiva jew ta' statistika għad-dikjarazzjoni ta' movimenti ta' kapital, jew li jieħdu miżuri li jkunu ġustifikabbli minħabba fl-interess pubbliku jew is-sigurtà pubblika.

[...]

3. Il-miżuri u l-proċeduri msemmija [fil-paragrafu 1] m'għandhomx jikkostitwixxu

mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-moviment liberu ta' kapital u ħlasijiet kif definit fl-Artikolu 56 [KE]".

B — *Id-dritt nazzjonali*

8. Is-sistema fiskali tal-impriżi ta' investiment kollettiv hija prevista fl-Artikolu 28 tal-liġi dwar it-tassazzjoni tal-kumpanniji tal-1969 (Wet op de vennootschapsbelasting) u l-Artikolu 6 tad-digriet dwar l-impriżi ta' investiment kollettiv (Besluit beleggingsinstellingen).

9. Skont l-Artikolu 28 tal-liġi dwar it-tassazzjoni tal-kumpanniji, impriża ta' investiment kollettiv hija ddefinita bħala kwalunkwe impriża li għandha l-forma ta' kumpannija pubblika, ta' kumpannija b'responsabbilita limitata jew ta' fondi kommuni, li hija stabbilita fl-Olanda u li għandha bħala għan kif ukoll bħala attività effettiva l-investiment [2].

10. Is-sistema speċifika li għaliha huma suġġetti l-impriżi ta' investiment kollettiv hija maħsuba b'mod li kemm jista' jkun issir approssimazzjoni tal-piż fiskali fuq id-dħul minn investimenti magħmula minn dawn l-impriżi ma' dak li jeżisti fuq l-investimenti magħmula direttament mill-investituri privati. Għaldaqstant, id-dħul tal-investimenti ta' dawn l-impriżi huwa suġġett, safejn huwa possibbli, għal taxxa bħallikieku kien dħul li minnu jibbenefikaw direttament l-azzjonisti tagħhom. Din l-approssimazzjoni ssir bil-mod deskritt iktar il-quddiem.

11. Il-profitti ta' impriżi ta' investiment kollettiv huma suġġetti għal taxxa fuq il-kumpanniji imma huma suġġetti għal rata żero. Bħala korrispettiv, dawn il-profitti għandhom, bħala prinċipju, jiġu ddistribwiti fit-totalità tagħhom lill-azzjonisti fi żmien tmien xhur wara tmiem is-sena fiskali kkonċernata.

12. Meta impriża ta' investiment kollettiv iżżomm ishma f'kumpanniji stabbiliti fl-Olanda u tirċievi dividendi minn dawn il-kumpanniji, hija tibbenefika minn rifużjoni tat-taxxa Olandiża li kienet imposta fuq dawk id-dividendi u miġbura f'ras il-għajn mill-kumpanniji ta' distribuzzjoni.

13. Meta entità ta' investiment kollettiv tirċievi dividendi tas-soċjetajiet stabbiliti fi Stati Membri oħra li kienu suġġetti għal taxxa f'dawn il-pajjiżi, is-sistema hija li ġejja.

2 — Skont il-qorti tar-rinviju, il-kundizzjonijiet l-oħra neċessarji mhumiex relevanti fil-każ ineżami.

14. Fid-dritt Olandiż, ir-regoli ordinarji intiżi biex jevitaw tassazzjoni doppja ma jipprovdux għall-imputazzjoni tat-taxxa barranija. Fil-fatt, ir-Renju tal-Olanda jillimita l-imputazzjoni tat-taxxa barranija lit-taxxa fuq il-kumpanniji sa' l-ammont tal-parti tat-taxxa fuq il-kumpanniji Olandiżi li hija proporzjonalment attribwibbli lid-dividendi inkwistjoni.

15. Sa fejn il-profitti ta' impriża ta' investiment kollettiv huma suġġetti għal rata żero u fejn għalhekk ebda taxxa hija attribwibbli proporzjonalment mad-dividendi li jiġu minn pajjiżi oħra, il-leġiżjlazzjoni Olandiża tipprevedi sistema msejħa "ta' tpaċija" tat-taxxa mħallsa barra mill-pajjiż, mal-ammont ta' taxxa Olandiża li għandha hija dovuta fuq dawn id-dividendi.

16. Din is-sistema ta' tpaċija hija suġġetta għal żewġ limitazzjonijiet li huma kkontestati fil-kawża prinċipali.

17. Minn naħa, it-tpaċija hija possibli biss jekk, fil-każ ta' investimenti diretti magħmula minn azzjonisti residenti jew stabbiliti fl-Olanda, dawn jistgħu jeżerċitaw id-dritt ta' imputazzjoni tat-taxxa barranija lit-taxxa Olandiża, bis-saħħa ta' liġi li tistabbilixxi l-kwadru fiskali jew ta' ftehim dwar il-ħelsien minn taxxa doppja.

18. Min-naħa l-oħra, l-ammont ta' tpaċija hija mnaqqsa skont is-sehem, fil-kapital tal-impriża ta' investiment kollettiv, ta' azzjonisti li ma jirrisjedux jew mhux stabbiliti fl-Olanda.

19. Skont l-Artikolu 6 tad-digriet dwar l-impriżi ta' investiment kollettiv, meta impriża bħal din jkollha azzjonisti mhux residenti jew mhux stabbiliti fl-Olanda, l-ammont ta' tpaċija huwa stabbilit skont il-formola li ġejja:

$$T = B \times 7\,Sr / (10\,S — 3\,Sr)$$

T tirrappreżenta t-tpaċija; B tirrappreżenta l-ammont ta' taxxa li għandu jiġi mnaqqas jekk l-azzjonisti kollha jkunu taxxabbli fl-Olanda; Sr tirrappreżenta l-ammont mħallas, fid-data rilevanti, fuq l-ishma jew fuq il-partijiet tal-impriża ta' investiment kollettiv li huma miżmuma direttament jew bis-saħħa ta' entitajiet ta' investiment kollettiv oħrajn minn persuni fiżiċi li jirrisjedu fl-Olanda jew minn impriżi stabbiliti fl-Olanda u li huma suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji, minbarra l-impriżi ta' investiment kollettiv; S tirrappreżenta l-ammont

imħallas f'din l-istess data, fuq l-ishma jew il-partijiet kollha pendenti tal-impriża ta' investiment kollettiv.

20. Min-naħa tagħhom, l-azzjonisti ta' impriża ta' investiment kollettiv huma suġġetti għat-taxxa Olandiża fuq il-profitti ddistribwiti minn din l-impriża, li hija suġġetta għal taxxa f'ras il-għajn min-naħa tal-impriża ta' distribuzzjoni.

21. F' dak li jirrigwarda l-azzjonisti li jirrisjedu jew li huma stabbilti fl-Olanda, din l-imposta tikkostitwixxi ħlas bil-quddiem. It-taxxa fuq il-profitti hija imputabbli lit-taxxa fuq id-dħul jew lill-kumpanniji li huma suġġetti għat-taxxa u hija mħallsa lura sakemm hija teċċedi l-ammont ta' dan tal-aħħar. Fir-rigward tal-azzjonisti residenti jew stabbiliti fi Stati Membri oħra, t-taxxa miżmuma mhijiex suġġetta għal ħlas lura ħlief jekk din hija prevista minn ftehim dwar il-ħelsien minn taxxa doppja jew mill-liġi Olandiża li tistabbilixxi s-sistema fiskali.

22. Il-qorti tar-rinviju tindika li, bis-saħħa ta' din is-sistema, mhijiex l-impriża ta' investiment kollettiv li hija intaxxata fuq id-dividendi li hija tirċievi, iżda l-azzjonisti ta' din tal-aħħar wara li tkun saret d-distribuzzjoni tal-profitti.

II — Il-fatti u l-proċedura fil-kawża prinċipali

23. Il-kumpannija European Smallcap Fund NV [3] għandha bħala għan l-investiment ta' fondi f'titoli trasferibbli u assi oħra skont il-prinċipju tat-tqassim tar-riskji. Hija stabbilita f'Amsterdam. Fuq il-livell fiskali, hija kkunsidrata bħala impriża għal investiment kollettiv, fis-sens tal-A rtikolu 28 tal-liġi dwar it-tassazzjoni tal- kumpanniji.

24. Fil-portafoll tagħha hija tamministra titoli maħruġa minn impriżi Ewropej ikkwotati fil-borża. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li waqt l-eżerċizzju ta' kontabbilità rilevanti, OESF ma kellha ebda sehem f'kumpanniji stabbiliti barra l-Olanda b'mod li setgħet tiddeċiedi l-attivitajiet ta' dawn il-kumpanniji.

25. L-azzjonisti ta' OESF huma persuni naturali u ġuridiċi. Matul l-eżerċizzju ta' kontabbilità pertinenti fil-każ preżenti, il-maġġoranza ta' dawn l-azzjonisti kienu residenti jew stabbiliti fl-Olanda. Xi ftit minnhom kienu residenti jew stabbiliti fi Stati Membri oħra (il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu u r-Renju Unit) jew f'pajjiżi terżi (l-Istati Uniti u l-Iżvizzera).

3 — Iktar 'il quddiem "OESF"

26. Waqt l-eżerċizzju ta' kontabbilità 1997/1998, OESF irċeviet, bis-saħħa tas-sehem tagħha f'dawn il-kumpanniji barranin, dividendi li jammontaw għal NLG 5 257 519.15. Barra mill-pajjiż, ġiet imposta taxxa f'ras il-għajn fuq dawn id-dividendi li tlaħħaq ammont totali ta' NLG 735 320. Din is-somma tinkludi t-taxxa imposta fil-Ġermanja u dik imposta fil-Portugall li hija ta' NLG 132 339 et de NLG 9 905 rispettivament.

27. OESF talbet lill-amminnistrazzjoni fiskali Olandiża l-benefiċċju ta' tpaċija għal dawn it-taxxi barranin, ikkalkulat abbażi tal-ammont totali ta' NLG 735 320.

28. L-amministrazzjoni fiskali kkunsidrat li t-taxxi mħallsa fil-Ġermanja u fil-Portugall kellhom jiġu esklużi mill-bażi ta' komputazzjoni. Din l-esklużżjoni hija ġġustifikata minħabba l-fatt li, fir-riġward tal-eżerċizzju ta' kontabbilità rilevanti, il-ftehim ta' bejn ir-Renju tal-Olanda u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma kienx jipprevedi d-dritt ta' tpaċija tat-taxxa Ġermaniża mħallsa fuq id-dividendi li joriġinaw mill-Ġermanja u mħallsa lir-residenti fl-Olanda, u ebda ftehim dwar il-ħelsien minn taxxa doppja ma kien jeżisti bejn ir-Renju tal-Olanda u r-Repubblika tal-Portugall.

29. Għalhekk, l-amminnistrazzjoni fiskali ħadet is-somma ta' NLG 593 076 bħala bażi għall-komputazzjoni tat-tpaċija. Wara dan, bl-applikazzjoni tal-metodu imsemmi fl-Artikolu 6 tad-diġriet relattiv għall-impriżi ta' investiment kollettiv, li japplika meta l-azzjonisti mhumiex esklużivament persuni naturali jew ġuridiċi li jirrisjedu jew li huma stabbiliti fl-Olanda, hija ffissat l-ammont ta' tpaċija għal NLG 418 013.

30. Il-Gerechtshof te Amsterdam (Qorti tal-Appel ta' Amsterdam), li quddiemha ġie ppreżentat rikors minn OESF, annullat id-deċiżjoni tal-amministrazzjoni fiskali u ffissat dan l-ammont għal NLG 622 006. Din il-Qorti kkunsidrat li kemm l-esklużjoni tat-taxxa mħallsa fil-Ġermanja u fil-Portugall mill-bażi ta' komputazzjoni tat-tpaċija kif ukoll it-tnaqqis ta' din tal-aħħar skont il-sehem tal-azzjonisti li jirrisjedu jew li huma stabbiliti barra mill-pajjiż fil-kapital ta' OESF kienu jikkonstitwixxu ostakolu mhux ġustifikat għall-moviment liberu tal-kapital.

31. Is-Staatssecretaris van Financiën (Seġretarju tal-Istat fil-materja tal-Finanzi) appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. Huwa kkontesta d-deċiżjoni tal-Gerechtshof te Amsterdam fir-rigward kemm tat-teħid inkunsiderazzjoni tat-taxxa mħallsa fil-Ġermanja u fil-Portugall, kif ukoll tat-tnaqqis tat-tpaċija skont il-sehem ta' azzjonisti li jirrisjedu jew li huma stabbiliti barra mill-Olanda.

III — Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari

32. Il-Hoge Raad der Nederlanden iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 56 KE, flimkien mal-Artikolu 58(1) KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi kull leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, waqt li tipprevedi favur impriżi ta' investiment kollettiv ta' natura fiskali tpaċija intiża biex tieħu inkunsiderazzjoni taxxa mħallsa f'ras il-għajn fl-Stat Membru fuq id-dividendi mħallsa lill-impriżi msemmija, tirrestrinġi — għar-raġunijiet deskritti fil-punt 5.2.1 fl-aħħar ta' din is-sentenza — l-imsemmija tpaċija:

   a) għall-ammont li persuna naturali li tirrisjedi fl-Olanda setgħet tpaċi bis-saħħa ta' ftehim konkluż fil-materja ta' tassazzjoni ma' Stat Membru ieħor;

   b) jekk u safejn ix-shareholding tal-impriżi ta' investiment kollettiv ta' natura fiskali huwa kostitwit minn persuni naturali li mhux residenti fl-Olanda jew impriżi li mhux suġġetti għat-taxxa Olandiża fuq il-kumpanniji?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun kompletament jew parzjalment fl-affermattiv:

   a) Il-kunċett ta' 'investiment dirett' fl-Artikolu 57(1) KE, jinkludi ukoll il-pussess ta' pakkett ta' azzjonijiet f'kumpannija jekk id-detentur tal-azzjonijiet iżommhom biss bħala investiment u d-daqs ta' dan il-pakkett ma jpoġġiehx f'pożizzjoni li jkun jista' jeżerċita influwenza deċiżiva fuq l-amministrazzjoni jew il-kontroll ta' din il-kumpannija?

   b) Restrizzjoni għall-moviment tal-kapital marbuta mal-ħlas ta' taxxa li kienet tkun illegali li kienu kienet taffetwa l-moviment transnazzjonali fi ħdan il-Kommunità, hija ukoll illegali, bis-saħħa tal-Artikolu 56 KE jekk l-istess moviment isir — f'ċirkustanzi li kieku jkunu l-istess — minn u lejn pajjiżi terzi?

   c) Jekk ir-risposta għad-domanda 2(b) hija fin-negattiv, l-Artikolu 56 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi limitazzjoni imposta minn Stat Membru ta' konċessjoni ta' tpaċija fiskali mogħtija lill-impriża ta' investiment kollettiv ta'

natura fiskali li hija intiża li tieħu inkunsiderazzjoni t-taxxa mħallsa f'ras il-għajn fi Stat terz fuq id-dividendi mħallsa lill-imsemmija impriża, fejn l-imsemmija restrizzjoni hija mmotivata mill-fatt li l-azzjonisti tal-impriża mhumiex esklużivament magħmula minn persuni residenti fl-Istat Membru inkwistjoni?

3) Sabiex tingħata risposta għad-domandi preċedenti, huwa importanti li jittieħdu inkunsiderazzjoni:

a) il-fatt li t-taxxa dedotta f'pajjiż ieħor fuq-dividendi derivanti minn dak l-pajjiż hija għola mit-taxxa fuq il-ħruġ ta' dawk id-dividendi lill-azzjonisti barranin fl-Istat Membru fejn l-impriża ta' investiment kollettiv ta' natura fiskali hija stabbilita;

b) il-fatt li l-azzjonisti barranin tal-impriża ta' investiment kollettiv ta' natura fiskali jirrisjedu jew huma stabbiliti f'pajjiz li miegħu l-Istat Membru fejn l-impriża hija stabbilita kkonkluda trattat li jipprevedi, abbażi ta' obligazzjonijiet reċiproċi, it-tpaċija tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn fuq id-dividendi;

c) il-fatt li l-azzjonisti barranin tal-impriża ta' investiment kollettiv ta' natura fiskali jirrisjedu jew huma stabbiliti fi Stat Membru ieħor tal-Kommunità?"

IV — Analiżi

33. Qabel l-eżaminazzjoni tad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju, huwa opportun li jiġu mfakkra l-prinċipji importanti tal-ġurisprudenza dwar il-delimitazzjoni tal-kompetenza tal-pajjiżi Membri fil-materja ta' tassazzjoni ta' dividendi, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-mekkaniżmi intiżi sabiex jipprevjenu s-sitwazzjonijiet ta' tassazzjoni doppja tal-profitti ta' kumpannija u l-effet ta' ftehim bilaterali.

A — *Il-prinċipji importanti tal-ġurisprudenza*

1. Il-kuntest ġenerali

34. It-tassazzjoni tad-dividendi tagħmel parti mit-tassazzjoni diretta li sal-ġurnata ta' llum mhijiex is-suġġett, fit-Trattat, ta'

attribuzjoni espressa ta' kompetenza lill-Komunità. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu b'diskrezzjoni wiesgħa l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jimponu t-taxxa, jiġifieri r-rata, il-modalitajiet ta' ġbir, u l-portata ta' applikazzjoni b'mod unilaterali jew bi ftehim, permezz ta' ftehim internazzjonali.

35. Madankollu, kif imfakkar regolarment mill-Qorti tal-Ġustizzja, din il-kompetenza mhijiex illimitata. Fil-fatt hija għandha tiġi eżerċitata billi jiġi osservat id-dritt Komunitarju, b'mod partikolari l-libertajiet ta' moviment previsti mit-Trattat [4].

36. Id-delimitazzjoni tal-kompetenza tal-Istati Membri minn dawn il-libertajiet ta' moviment hija tradotta f'żewġ prinċipji. L-ewwel fosthom hija l-projbizzjoni ta' miżuri diskriminatorji: il-persuna taxxabbli suġġetta għat-taxxa li tiġi minn Stat Membu ieħor ma għandhiex tkun suġġetta għal trattament fiskali diskriminatorju min-naħa tal-Istat Membru ospitanti. It-tieni prinċipju huwa dak tal-projbizzjoni, mill-Istat Membru ta' oriġini, ta' ostakoli għall-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment ta' wieħed miċ-ċittadini tiegħu. Dawn huma l-"ostakoli għall-ħruġ".

37. Fil-kuntest tal-libertà ta' moviment tal-kapital applikabbli għat-tassazzjoni tal-profitti tal-kumpanniji, fil-ġurisprudenza dawn iż-żewġ prinċipji jieħdu l-forma ta' projbizzjoni, min-naħa, ta' miżuri fiskali ta' Stat Membru li jostakolaw il-ġbir minn kumpanniji barranin tal-kapital f'dan l-Istat u, min-naħa l-oħra, ta' miżuri fiskali ta' Stat Membru li jiddisswadu lill-persuni li jħallsu t-taxxa f'dak l-Istat milli jinvestu l-kapital tagħhom f'kumpanniji stabbiliti barra mill-pajjiż, bil-partikolarità li, bid-differenza tal-libertajiet l-oħra ggarantiti taħt it-Trattat, dawn il-projbizzjonijiet mhumiex limitati għall-kummerċ intrakomunitarju biss, imma jestendu ruħhom bl-istess mod għall-kummerċ mal-pajjiżi terzi.

38. Konformament mal-prinċipju ta' non diskriminazzjoni, li huwa applikat permezz tad-diversi libertajiet ta' moviment previsti mit-Trattat, Stat Membru ma jistax japplika regoli fiskali differenti fil-konfront ta' sitwazzjonijiet komparabbli jew l-istess regola fiskali lill sitwazzjonijiet differenti. Barra minn hekk, dan il-prinċipju jipprojbixxi mhux biss id-diskriminazzjonijiet ċari bbażati fuq in-nazzjonalità [5]. Huwa jipprojbixxi bl-istess mod kull forma ta' diskriminazzjoni li, permezz tal-użu ta' kriterji oħra ta' distinzjoni, twassal fil-fatt għall-istess riżultat.

39. Fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, il-prinċipju ta' non diskriminazzjoni u

4 — Sentenza tas-6 ta' Marzu 2007, Meilicke *et* (C-292/04, Ġabra p. I-1835, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

5 — F'dak li jirrigwarda l-kumpanniji fis-sens tal-Artikolu 48 KE, is-sede tagħhom isservi sabiex tiddetermina r-rabta tagħhom mal-ordni ġuridiku tal-Istat, bl-istess mod bħaċ-ċittadinanza tal-persuni naturali (sentenza tat-13 ta' Lulju 1993, Commerzbank, C-330/91, Ġabra p. I-4017, punt 13).

l-kompetenza riżervata tal-Istati Membri ġew f'kunflitt, b'mod partikolari, fil-kuntest ta' miżuri nazzjonali li jipprevedu trattament differenti skont ir-residenza tal-peruna li għandha tħallas it-taxxa.

40. Minn naħa, il-kriterju ta' residenza fiskali huwa, bħala prinċipju, utilizzat sabiex jiddetermina l-kompetenzi rispettivi ta' tassazzjoni tal-Istati Membri. Fil-fatt, b'mod ġenerali, l-Istati Membri jintaxxaw lill-persuni naturali jew ġuridiċi li jirrisjedu fit-territorju tagħhom u jintaxxaw lill-persuni mhux residenti fuq il-benefiċċji li jirriżultaw minn attività eżerċitata fit-territorju tagħhom. Bl-istess mod, huma jipprovdu għal vantaġġi fiskali li minnhom jistgħu jibbenefikaw biss il-persuni residenti, bħal fil-każ ta' miżuri intiżi sabiex jieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali u familjali tagħhom, fir-rigward ta' liema huma qegħdin f'aħjar sitwazzjoni biex jevalwaw. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li s-sitwazzjoni ta' persuni residenti u dik ta' persuni non residenti mhijiex, b'mod ġenerali, komparabbli [6].

41. Min-naħa l'oħra, leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru li tirriżerva vantaġġi fiskali lir-residenti tat-territorju nazzjonali hija ta' benefiċċju prinċipalmanet għac-ċittadini ta' dan l-Istat, peress illi, f'ħafna mill-każijiet, il-persuni mhux residenti huma normalment ċittadini ta' pajjiżi oħra [7].

42. Huwa dan il-kunflitt li huwa espress fl-Artikolu 58 KE, li jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 56 KE m'għandhomx jippreġudikaw id-dritt tal-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi fiskali tagħhom li jagħmlu distinzjoni bejn persuni taxxabbli li mhumiex fl-istess sitwazzjoni għal dak li jirrigwarda l-post ta' residenza tagħhom jew rigward il-post fejn il-kapital tagħhom ikun investit, bil-kundizzjoni li dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-moviment liberu ta' kapital u ħlasijiet.

43. Għaldaqstant, leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħmel distinzjoni bejn il-persuni li jħallsu t-taxxa abbażi tar-residenza jew il-post fejn investew il-kapital tagħhom ma tistax tiġi kkusidrata kompatibbli mal-Artikoli 56 KE u 58 KE, ħlief jekk din id-differenza fit-trattament tikkonċerna sitwazzjonijiet li mhumiex oġġettivament komparabbli għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-miżura fiskali inkwistjoni.

44. Fil-każ kuntrarju, jekk is-sitwazzjonijiet inkwistjoni huma oġġettivament

6 — Sentenza tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker (C-279/93, Ġabra p. I-225, punt 31).

7 — Fir-rigward tal-persuni naturali, ara s-senteza Schumacker, iċċitata iktar 'il fuq (punti 28 u 29), u, fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, is-sentenza Commerzbank, iċċitata iktar 'il fuq (punt 15).

komparabbli, skont il-ġurisprudenza, tali distinzjoni hija konformi mad-dritt Komunitarju biss jekk hija ġġustifikata minn waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 58(1)(b) KE jew minħabba raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, bħal ħtieġa li tiġi protetta l-koerenza tas-sistema fiskali, u jekk din ma tmurx lilhinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġi miksub l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni [8].

2. Il-miżuri intiżi għall-prevenzjoni jew tnaqqis tal-effet ta' tassazzjoni doppja

45. F'bosta sentenzi l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata ta' din id-delimitazzjoni ġenerali tal-kompetenza tal-Istati Membri fil-materja ta' fiskalità diretta fil-każ ta' miżuri Statali, unilaterali jew bi ftehim, intiżi biex jipprevjenu jew inaqqsu l-effet ta' tassazzjoni doppja tal-profitti mqassma mill-kumpanniji.

46. L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar li l-profitti ta' kumpannija jistgħu jkunu s-suġġett ta' tassazzjoni doppja f'diversi każijiet. B'hekk, huma jistgħu jkunu s-suġġett ta' "sensiela ta' taxxi" jew ta' "taxxa ekonomika doppja" meta huma imposti fuq żewġ persuni differenti, l-ewwel darba fuq il-kumpannija fil-kuntest ta' taxxa fuq il-profitti u wara, għat-tieni darba, fuq l-azzjonist li lilu jiġu ddistribwiti, fil-kuntest ta' taxxa fuq il-kumpanniji jew ta' taxxa fuq id-dħul, skont jekk l-azzjonist huwiex kumpannija jew persuna.

47. Dawn il-profitti jistgħu ukoll jkunu s-suġġett ta' "tassazzjoni legali doppja" meta l-istess persuna taxxabbli tiġi intaxxat darbtejn fuq l-istess dħul. Din is-sitwazzjoni tista' sseħħ meta azzjonist li jirċievi d-dividendi jiġi suġġett, min-naħa, għal taxxa f'ras il-għajn fuq dawn id-dividendi mill-Istat Membru li fih il-kumpannija li toħroġhom hija stabbilita u, min-naħa l-oħra, għal taxxa fuq id-dħul fuq dawn id-dividendi fl-Istat ta' residenza tiegħu.

48. L-interpretazzjoni tal-ġurisprudenza b'dan il-mod titlaq mill-premessa li, b'mod ġenerali, t-tassazzjoni doppja mhijiex kuntrarja għad-dritt komunitarju.

49. Fil-fatt, ebda miżura ta' tqassim ta' kompetenzi bejn l-Istati Membri li huma intiżi sabiex jeliminaw it-tassazzjoni doppja ma ġiet konkluża fil-qafas tat-Trattat. It-tassazzjoni doppja hija pprojbita biss taħt xi direttivi, bħad-Direttiva tal-

8 — Sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, Manninen (C-319/02, Ġabra p. I-7477, punt 29).

Kunsill 90/435/KEE [9], li mhumiex rilevanti fil-każ inkwistjoni [10]. Barra minn dan, b'eċċezzjoni tal-Ftehim 90/436/KEE [11], l-Istati Membri ma kkonkludew ebda ftehim multilaterali abbażi tal-Artikolu 293 KE f'dan ir-rigward.

50. Żewġ konsegwenzi joħorġu minn din il-premessa. Min-naħa, jekk tassazzjoni doppja tirriżulta mill-eżerċizzju tal-Istati Membri tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, bħal fil-każ tat-tassazzjoni ta' persuna taxxabbli mill-Istat Membru ta' residenza tagħha fuq id-dħul totali tagħha u t-tassazzjoni taddividendi tal-istess persuna mill-Istat li fitterritorju tiegħu ġew mqassma d-dividendi, din mhijiex, fiha innifisha, ksur tad-dritt Komunitarju [12].

51. Min-naħa l-oħra, fin-nuqqas ta' miżuri u ta' ftehim multilaterali f'dan ir-rigward, l-Istati Membri huma liberi li jistabbilixxu l-kriterji tat-tqassim bejniethom tas-setgħa ta' tassazzjoni u li jieħdu, b'mod unilaterali jew permezz ta' ftehim bilaterali, il-miżuri meħtieġa sabiex jipprevjenu l-każijiet ta' tassazzjoni doppja. Madanakollu, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri, kemm fil-kuntest ta' miżuri unilaterali jew bi ftehim, għandhom jirrispettaw l-eżiġenzi tad-dritt Komunitarju u, b'mod partikolari, dawk li jirriżultaw mil-libertajiet ta' moviment [13].

52. Bosta każijiet ippermettew lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara l-portata ta' din l-obbligazzjoni f'dak li jirrigwarda t-tassazzjoni tal-Istati Membri, min-naħa, tad-dividendi

9 — Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU L 225, p. 6). Bl-istess mod ara ukoll, id-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' imgħaxx (ĠU L 157, p. 38) u d-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpanniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (ĠU L 157, p. 49).

10 — Id-Direttiva 90/435, skont il-verżjoni fis-seħħ waqt l-eżerċizzju ta' kontabbiltà inkwistjoni, kienet applikabbli għall-kumpanniji li kellhom sehem ta' mhux anqas minn 25 % fil-kapital ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor. Barra minn dan, bis-saħħa tal-Artikolu 2 tagħha, hija tapplika biss għall-kumpanniji li huma suġġetti għat-taxxa tal-kumpanniji, u huwa magħruf li l-impriżi ta' investiment finanzjarju, jekk huma suġġetti għal din it-taxxa, huma suġġetti għal taxxa b'rata żero.

11 — Ftehim tat-23 ta' Lulju 1990, dwar ħelsien minn taxxa doppja fil-każ ta' aġġustament ta' profitti ta' impriżi assoċjati (ĠU L 255, p. 10).

12 — F'dan ir-rigward ara s-sentenza tal-14 ta' Novembru 2006, Kerckhaert u Morres (C-513/04, Ġabra p. I-10967), firrigward tal-leġiżlazzjoni Belġjana li, fil-kuntest ta' taxxa fuq id-dħul tissuġġetta, bl-istess rata ta' taxxa uniformi, id-dividendi ta' azzjonijiet ta' kumpanniji stabbiliti fil-Belġju u d-dividendi ta' kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor, mingħajr ma tipprevedi l-possibbiltà ta' tpaċija tat-taxxa imposta f'ras il-għajn fl-Istat Membru l-ieħor. Il-Qorti kkonstatat li s-sistema fiskali inkwistjoni ma tagħmel ebda distinzjoni bejn id-dividendi ta' kumpanniji stabbiliti fil-Belġju u dawk tal-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Hija kkunsidrat li l-konsegwenzi żvantaġġużi li l-applikazzjoni ta' sistema bħal din tista' tħalli fuq persuna li tirċievi dividendi li kienu suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn fi Stat Membru ieħor toħroġ sempliċiment mill-eżerċizzju parallel ta' żewġ Stati Membri tal-kompetenzi fiskali tagħhom (punt 20).

13 — Sentenza tal-21 ta' Settembru 1999, Saint-Gobain ZN (C-307/97, Ġabra p. I-6161, punti 57 u 58).

deħlin, bħala Stat ta' residenza tal-azzjonist, u, min-naħa l-oħra, tad-dividendi li joħorġu, bħala Stat ta' oriġini ta' dawk id-dividendi.

53. F'dak li jirrigwarda t-tassazzjoni tad-dividendi li deħlin, joħroġ mill-ġurisprudenza li meta Stat Membru jintaxxa lill-persuni taxxabbli residenti fuq id-dividendi kollha li jirċievu u jieħu l-miżuri sabiex jipprevjeni jew inaqqas it-tassazzjoni ekonomika doppja ta' dawk id-dividendi, ma jistax jillimita l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet lid-dividendi ta' oriġini nazzjonali, iżda għandu jestendi dan il-benefiċċju għad-dividendi mqassma mill-kumpanniji stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra [14].

54. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din l-ugwaljanza fit-trattament hija meħtieġa minħabba li, fir-rigward tal-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-pożizzjoni ta' persuna taxxabbli li tirċievi dividendi ġejjin minn Stati Membri oħra hija komparabbli ma' dik ta' persuna taxxabbli li tirċievi dividendi ta' oriġini nazzjonali minħabba li fiż-żewġ każijiet dawn iż-żewġ dividendi setgħu jkunu suġġeti għal "sensiela ta' taxxi" jew għal "taxxa ekonomika doppja", li l-imsemmija dispożizzjonijiet kellhom preċiżament l-għan li jipprevjenu jew li jnaqqsu [15].

55. F'dak li jirrigwarda t-taxxa fuq id-dividendi ħerġin, bl-istess mod teżisti ġurisprudenza stabbilita li tipprovdi li, mill-mument li Stat Membru, b'mod unilaterali jew bi ftehim, jimponi taxxa fuq id-dħul mhux biss tal-azzjonisti residenti, iżda ukoll tal-azzjonisti mhux residenti, fuq id-dividendi li huma jirċievu minn kumpannija residenti, dan l-Istat għandu joqgħod attent li, fir-rigward tal-mekkaniżmu intiż sabiex jipprevjeni jew inaqqas sensiela ta' taxxi prevista mid-dritt nazzjonali tiegħu, l-azzjonisti mhux residenti jkunu suġġetti għall-istess

14 — Fir-rigward tal-għoti ta' eżenzjoni fiskali fuq id-dħul li hija mogħtija fuq id-dividendi mqassma lill-azzjonisti li huma persuni naturali, ara s-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2000, Verkooijen (C-35/98, Ġabra p. I-4071); fir-rigward tal-applikazzjoni ta' rata definittiva jew imnaqqsa bin-nofs, s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2004, Lenz (C-315/02, Ġabra p. I-7063); fir-rigward tal-għoti ta' kreditu fiskali, s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Manninen u Meilicke *et*, u fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji għad-dividendi ta' oriġini nazzjonali, fejn id-dividendi ta' oriġini barranin kienu suġġetti għal din it-taxxa u li taw dritt biss għal tnaqqis tat-taxxa eventwali imposta f'ras il-għajn fl-Istat Membru fejn tirrisjedi l-Kumpannija li tqassam dawk id-dividendi, sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation (C-446/04, Ġabra p. I-11753, punti 61 sa 71).

15 — Sentenza Test Claimants in the FII Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq (punt 62). L-istess ħtieġa ma teżistix awtomatikament fil-konfront ta' dividendi mqassma minn kumpanniji stabbiliti f'pajjiżi terzi. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li mhuwiex eskluż li Stat Membru jkun jista' juri li restrizzjoni fil-movimenti tal-kapital lejn jew li joriġina minn pajjiż terz huwa ġġustifikat minħabba raġuni mogħtija fiċ-ċirkustanzi fejn din ir-raġuni ma tkunx ta' natura li tikkostitwixxi ġustifikazzjoni valida għar-restrizzjoni tal-movimenti tal-kapital bejn Stati Membri. Dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, f'sitwazzjoni li timplika l-verifika ta' taxxa mħallsa minn kumpanniji li jiddistribwixxu d-dividendi u li huma stabbiliti fi Stati terzi meta, peress li l-miżuri leġiżlattivi Komunitarji intiżi għall-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet fiskali nazzjonali, bħad-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE tad-19 ta' Diċembru 1977 dwar għajnuna reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta (ĠU L 336, p. 15), mhumiex applikabbli, il-verifika tat-taxxa mħallsa minn dawn il-kumpanniji fl-Istat ta' residenza tagħhom tista' tirriżulta iktar diffiċli minn kuntest ġenwinament Komunitarju (punti 169 sa 171).

trattament li jirċievu l-azzjonisiti li huma residenti [16].

56. Fil-każ ineżami, l-ugwaljanza fit-trattament hija imposta fuq l-Istat Membru ta' origini tad-dividendi l-għaliex dan l-Istat iddeċieda li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu mhux biss fuq id-dividendi mqassma lill-azzjonisti residenti, iżda ukoll fuq id-dividendi mqassma lill-azzjonisti mhux residenti [17].

3. L-effetti tal-ftehim bilaterali

57. L-evalwazzjoni tal-ġurisprudenza dwar l-effetti tal-ftehim bilaterali fil-materja fiskali tagħti lok għal erba' duttrini li huma rilevanti għall-kawża preżenti.

58. L-ewwel waħda minn dawn id-duttrini hija li d-drittijiet li joħorġu mill-libertajiet ta' ċirkolazzjoni garantiti mit-Trattat fi ħdan l-Unjoni Ewropea mhumiex suġġetti għal kundizjonijiet u li Stat Membru ma jistax jqiegħed ir-rispett tagħhom dipendenti fuq il-kontenut ta' ftehim konkluż ma' Stat Membru ieħor [18]. Fi kliem ieħor, Stat Membru ma jistax jissuġġetta dawn id-drittijiet għal ftehim ta' reċiproċità konkluż ma' Stat Membru ieħor bil-għan li jirċievi vantaġġi korrispondenti minn dak l-Istat [19].

59. It-tieni duttrina hija li fil-preżenza ta' miżura fiskali ta' Stat Membru li tostakola l-libertà ta' moviment prevista mit-Trattat, ftehim bilaterali jista' jiġi meħud inkunsiderazzjoni meta huwa jinnewtralizza dan l-ostakolu [20]. Il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina jekk l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni flimkien mal-ftehim bilaterali tħallix fis-seħħ restrizzjoni għal-libertà tal-moviment applikabbli [21] jew tirrinvija din id-deċiżjoni lill-qorti nazzjonali [22].

60. It-tielet duttrina hija li meta persuna taxxabbli li mhijiex residenti tinsab fl-istess sitwazzjoni ta' persuna taxxabbli residenti, bis-saħħa tal-prinċipju ta' trattament nazzjonali, hija għandha tibbenefika, taħt l-istess kundizzjonijiet ta' persuna taxxabbli

16 — Fir-rigward ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi sistema ta' kreditu fiskali fil-konfront tad-dividendi mqassma minn kumpannija residenti lill-azzjonisiti residenti tagħha kif ukoll lill-azzjonisti mhux residenti meta dan huwa previst minn ftehim dwar il-ħelsien minn taxxa doppja, ara sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation (C-374/04, Ġabra p. I-11673) u fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tintaxxa d-dividendi mqassma minn kumpanniji sussidjarji residenti lill-kumpanniji prinċipali stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li teżenta, kważi b'mod totali, lid-dividendi mqassma lill-kumpanniji prinċipali residenti, ara s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2006, Denkavit Internationaal u Denkavit France (C-170/05, Ġabra p. I-11949).

17 — Sentenza Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq (punt 70).

18 — Sentenza tat-28 ta' Jannar 1986, Kummissjoni v Franza (270/83, Ġabra p. 273, punt 26).

19 — *Ibidem*.

20 — Sentenza Denkavit Internationaal u Denkavit France, iċċitata iktar 'il fuq (punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 — *Ibidem* (punt 47).

22 — Sentenza Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq (punt 71).

residenti, mill-vantaġġi li joħorġu minn ftehim bilaterali konkluż bejn l-Istat ta' residenza u pajjiż terż [23].

61. Ir-raba' duttrina hija li d-dritt Komunitarju ma jobbligax lil Stat Membru li jestendi lill-persuna taxxabbli li mhijiex residenti li ma tinsabx f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik ta' persuna taxxabbli residenti, il-benefiċċju ta' ftehim bilaterali konkluż ma' pajjiż li mhuwiex dak tal-persuna taxxabbli li mhijiex residenti [24]. Fi kliem ieħor id-dritt Komunitarju fil-qasam fiskali ma jobbligax lil Stat Membru li jakkorda lir-residenti ta' Stat Membru ieħor il-benefiċċju tal-klawżola tal-pajjiż l-iktar favorit.

23 — Sentenza Saint Gobain ZN, iċċitata iktar 'il fuq (punt 59). F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-attività stabbli ta' kumpannija li mhijiex residenti għandha, bħal kumpanniji residenti, tibbenefika mill-eżenzjoni fiskali mit-taxxa tal-kumpanniji fir-rigward tad-dividendi mqassma minn kumpanniji stabbiliti f'pajjiż terż, previst minn ftehim fiskali konkluż ma' dan il-pajjiż terż.

24 — Sentenza tal-5 ta' Lulju 2005, D. (C-376/03, Ġabra p. I-5821). F'din il-kawża, D., ċittadin Ġermaniż li jirrisjedi fil-Ġermanja, li kellu 10 % tal-ammont tal-proprjetà tiegħu fl-Olanda u li kien suġġetta għal taxxa fuq il-proprjetà f'dan l-Istat Membru minħabba l-beni li kellu, talab biex jibbenefika mit-tnaqqis previst mil-leġiżlazzjoni Olandiża applikabbli għal persuni residenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li din it-taxxa kienet simili għat-taxxa fuq id-dħul, u li kienet stabbilita skont il-kapaċità kontributtiva tal-persuna. Minn dan hija ddeduċiet illi persuna li mhijiex residenti, li kellha biss parti żgħira tal-proprjetà tagħha fl-Olanda, ma kinitx tinsab fl-istess sitwazzjoni ta' persuna residenti, b'tali mod li ma setgħetx tippretendi l-benefiċċju tat-tnaqqis inkwistjoni. Sussegwentement, qamet id-domanda dwar jekk D. kienx suġġett għal diskriminazzjoni peress illi persuna residenti fil-Belġju, li kienet tinsab f'sitwazzjoni analoga ma tiegħu, setgħet tibbenefika minn tnaqqis bis-saħħa ta' ftehim li kien ġie konkluż bejn ir-Renju a'tal-Olanda u r-Renju tal-Belġju. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li tali differenza ta' trattament ma kinitx kontra d-dritt Komunitarju. Ara, fl-istess sens, is-sentenza Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, fuq id-differenza ta' sitwazzjoni, li tirriżulta mill-fatt li fost il-ftehim bilaterali konkluzi bejn Stat Membru u Stati oħra, xi uħud minnhom biss jipprevedu kreditu fiskali favur ir-residenti a'tal-Istati kontraenti.

62. Huwa fil-kuntest ta' dawn il-prinċipji kbar ta' ġurisprudenza li ser neżamina d-domandi preliminari mqajma mill-Hoge Raad der Nederlanden.

B — *Fuq id-domandi preliminari*

1. Introduzzjoni

a) Fuq il-libertà ta' moviment applikabbli

63. Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li l-ġbir, minn azzjonist li jirrisjedi jew li huwa stabbilit fi Stat Membru, ta' dividendi li jiġu minn kumpaniji mhux residenti jikkonstitwixxi moviment ta' kapital fis-sens tal-Artikolu 56 KE [25].

64. Jirriżulta mill-ġurisprudenza li leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-ġbir ta' dividendi taxxa li r-rata tagħha tiddependi mill-oriġini, nazzjonali jew le, ta' dawk id-dividendi, independentament mis-sehem tal-parteċipazzjoni li l-azzjonist iżomm fil-kumpannija li toħroġhom, tista' taqa' kemm

25 — Sentenza Verkooijen, iċċitata iktar 'il fuq (punti 28 sa 30).

taħt l-Artikolu 43 KE, dwar il-libertà ta' stabbiliment, kif ukoll taħt l-Artikolu 56 KE, dwar il-libertà ta' moviment tal-kapital [26]. Madanakollu, meta s-sehem tal-azzjonist fil-kapital ta' kumpannija ma tpoġġiehx f'pożizzjoni li jkun jista' jeżerċita influwenza żgura fuq id-deċiżjonijiet ta' dik il-kumpannija, u lanqas ma tpoġġieh f'pożizzjoni li jiddetermina l-attivitajiet tagħha, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 56 KE biss huma applikabbli [27].

65. Jirriżulta mill-informazzjoni mogħtija mill-qorti tar-rinviju li s-sehem ta' OESF fil-kapital tal-kumpanniji li ħarġu d-dividendi, waqt l-eżerċizzju ta' kontabbiltà rilevanti, ma tpoġġiehiex f'sitwazzjoni li jista' tiddeċiedi dwar l-attivitajiet ta' dawn il-kumpanniji. Għaldaqstant, huwa fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-trattat dwar il l-libertà ta' moviment ta' kapital, u biss fil-konfront ta' dawn tal-aħħar, li ser neżamina l-kompatibbiltà tal-limitazzjonijiet kkontestati mad-dritt Komunitarju.

b) Fuq il-kontenut tad-domandi preliminari u l-ordni ta' eżami tagħhom

66. Il-qorti tar-rinviju tpoġġi tliet sensieliet ta' domandi preliminari. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, paragrafi a) u b), hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà taż-żewġ limitazzjonijiet inkwistjoni mal-Artikoli 56 KE u 58 KE.

67. Permezz tat-tieni domanda tagħha, paragrafi a) sa ċ), li magħhom nannetti t-tielet domanda, paragrafi b) u ċ), hija tipprova ssir taf liema konsegwenzi għandhom jiġu dedotti mill-fatt li impriża ta' investiment kollettiv bħal OESF investiet f'pajjiżi terzi u għandha hija stess azzjonisti li jirrisjedu jew li huma stabbiliti f'pajjiżi terzi.

68. Fl-aħħar nett, permezz tat-tielet domanda, paragrafu a), il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-fatt li t-taxxa mħallsa fi Stat ieħor hija ogħla mit-taxxa imposta fuq id-dividendi mqassma mill-ġdid lill-azzjonisti barranin fl-Istat Membru fejn l-impriża ta' investiment kollettiv hija stabblita għandha jkollha effett fuq ir-risposti mogħtija lid-domandi preċedenti.

69. Ser neżamina suċċessivament dawn it-tliet sensieliet ta' domandi.

26 — Sentenza tal-24 ta' Mejju 2007, Holböck (C-157/05, Ġabra p. I-4051, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq (punt 36).

2. Fuq l-ewwel sensiela ta' domandi preliminari

a) Fuq l-ewwel domanda, paragrafu a)

70. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, paragrafu a), il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 56 KE u 58 KE jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru bħall-leġiżlazzjoni Olandiża inkwistjoni li, waqt li tipprovdi għall-benefiċċju ta' impriżi ta' investiment kollettiv, tpaċija intiża li tieħu inkunsiderazzjoni taxxa mħallsa f'ras il-għajn fi Stat Membru ieħor fuq id-dividendi imqassma lill-imsemmija impriżi, tillimita din it-tpaċija sal-ammont li persuna naturali li tirrisjedi fit-territorju tal-Olanda setgħet tpaċi bis-saħħa ta' ftehim dwar il-ħelsien minn taxxa doppja konkluż ma' Stat Membu ieħor.

71. Permezz ta' din id-domanda, l-imsemmija qorti tipprova ssir taf jekk ir-rifjut tal-awtorità fiskali Olandiża, li tieħu inkunsiderazzjoni t-taxxi mħallsa minn OESF fil-Ġermanja u fil-Portugall fuq id-dividendi li joriġinaw minn dawn l-Istati, huwiex kuntrarju għall-Artikoli 56 KE u 58 KE.

72. Il-qorti tar-rinviju tiddikjara li hija ssaqsi din id-domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja minħabba l-fatt li impriża ta' investiment kollettiv li tirċievi dividendi ta' kumpanniji stabbiliti fl-Olanda tibbenefika minn ħlas lura tat-taxxa kollha Olandiża fuq id-dividendi miġbura f'ras il-għajn minn dawn il-kumpanniji.

73. Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni, OESF u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej isostnu li s-sistema kkontestata tagħmel differenza ta' trattament li mhijiex ġustifikata bejn it-taxxa miġbura f'ras il-għajn fil-Ġermanja u fil-Portugall u dik miġbura f'ras il-għajn fl-Olanda u li hija, minħabba dan il-fatt, kuntrarja għad-dritt Komunitarju.

74. OESF issostni ukoll li din is-sistema hija, bl-istess mod, kuntrarja għall-Artikoli 56 KE u 58 KE minħabba li, fil-każ ta' investiment fl-Istati Membri kollha minbarra l-Ġermanja u l-Portugall, l-impriża ta' investiment kollettiv tirċievi tpaċija intiża sabiex tipprevjeni jew tnaqqas it-tassazzjoni doppja tad-dividendi.

75. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Olandiż isostni li s-sistema kkontestata hija konformi mad-dritt Komunitarju. Fil-fatt, skont hu, din is-sistema ma tagħmel ebda distinzjoni abbażi tal-oriġini tad-dividendi peress li r-rifużjoni tat-taxxa Olandiża tikkonstitwixxi, fir-realtà, eżenzjoni, b'tali mod li l-impriżi ta' investiment kollettiv ma jkunux intaxxati la fuq id-dividendi nazzjonali

u lanqas fuq id-dividendi barranin. Għaldaqstant, it-tassazzjoni doppja li tolqot lid-dividendi li joriġinaw mill-Ġermanja u mill-Portugall huma r-riżultat, fil-każ preżenti, tal-eżerċizzju minn kull wieħed minn dawn l-Istati Membri tal-kompetenzi tagħhom fil-qasam fiskali u s-sitwazzjoni fil-kawża preżenti hija komparabbli ma' dik fil-kawża li tat lok għas-sentenza Kerckhaert u Morres, iċċitata iktar 'il fuq.

76. Bl-istess mod, il-Gvern Olandiż jesponi li l-fatt li t-taxxa imposta fil-Ġermanja u fil-Portugall ma tagħtix lok għal tpaċija, kuntrarjament għat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn fi Stati Membri oħra bħall-Italja, hija inerenti mill-kontenut ta' ftehim bilaterali konklużi bejn dawn l-Istati, b' tali mod li, minn dan l-aspett, is-sitwazzjoni fil-kawża preżenti hija komparabbli mal-kawża li tat lok għas-sentenza D, iċċitata iktar 'il fuq.

77. Jiena naqbel mal-fehma tal-Gvern Olandiż fir-rigward l-ewwel parti tal-analiżi tiegħu. Kuntrarjament għal OESF u għall-Kummissjoni, jiena ma nemminx li s-sistema fiskali kkontestata għandha tiġi kkunsidrata bħala kuntrarja għad-dritt Komunitarju meta jsir paragun bejn t-trattament, f'din is-sistema, ta' dividendi ġejjin mill-Ġermanja u mill-Portugall ma' dak ta' dividendi ġejjin mill-Olanda.

78. Min-naħa l-oħra, bħal OESF, jiena tal-fehma li s-sistema inkwistjoni tmur kontra l-Artikoli 56 KE u 58 KE meta hija tapplika fil-konfront tad-dividendi ġejjin mill-Ġermanja u mill-Portugall trattament anqas favorevoli minn dak riżervat għad-dividendi ġejjin minn Stati Membri oħra. Jiena tal-fehma li l-limitazzjoni tal-benefiċċju ta' tpaċija previst minn din is-sistema għat-taxxa miġbura f'ras il-għajn fi Stati Membri oħra minbarra l-Ġermanja u l-Portugall ma tistax tkun kkunsidrata bħala differenza fit-trattament inerenti għall-ftehim bilaterali konklużi bejn ir-Renju tal-Olanda u l-Istati Membri fis-sens tas-sentenza D, iċċitata iktar 'il fuq.

79. Ser nittratta suċċessivament kull wieħed minn dawn il-punti.

80. Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li bis-saħħa tas-sistema fiskali kkontestata, impriża ta' investiment kollettiv hija intaxxata b'rata żero fuq il-profitti tagħha u l-azzjonisti tagħha huma intaxxati fit-totalità tal-profitti li jiġu mqassma lilhom minn din l-impriża, independentament mill-oriġini tagħhom, jiġifieri kemm id-dividendi mqassma mill-kumpanniji stabbiliti fl-Olanda kif ukoll dawk ta' oriġini barranin. Għaldaqstant, il-profitti mqassma lil impriża ta' investiment kollettiv minn kumpanniji stabbilti fil-Ġermanja u fil-Portugall, jagħmlu parti mill-profitti intaxxati fl-Olanda meta jiġu mqassma lill-azzjonisti ta' din l-impriża, permezz ta' taxxa miġbura f'ras il-għajn minn din tal-aħħar.

81. Bl-istess mod, huwa paċifiku li t-taxxa fuq id-dividendi Olandiżi, li hija miġbura f'ras il-għajn mill-kumpanniji stabbiliti fl-Olanda hija mħallsa lura lill-impriża ta' investiment kollettiv u li din l-impriża tirċievi, min-naħa tar-Renju tal-Olanda, tpaċija għat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn fi Stati Membri oħra minbarra l-Ġermanja u l-Portugall.

82. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa iktar vantaġġjuż għal impriża ta' investiment kollettiv li tinvesti f'kumpanniji stabbiliti fl-Olanda kif ukoll fi Stati Membri oħra minbarra l-Ġermanja u l-Portugall, milli tinvesti f'kumpanniji stabbilti f'dawn iż-żewġ Stati Membri. Fil-fatt, filwaqt li d-dividendi li joriġinaw mill-Olanda huma intaxxati darba waħda biss fil-livell ta' azzjonisti, u filwaqt li d-dividendi ġejjin minn Stati Membri oħra minbarra l-Ġermanja u l-Porugall jagħtu lok għal tpaċija għat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn, id-dividendi ġejjin minn dawn iż-żewġ Stati Membri tal-aħħar jibqgħu suġġetti għal tassazzjoni doppja.

83. Għaldaqstant, din id-differenza ta' trattament tista' tiddisswadi lill-impriżi ta' investiment kollettiv milli jinvestu fil-Ġermanja kif ukoll fil-Portugall, u tista' tikkonstitwixxi xkiel għall-ġbir, minn kumpanniji stabbiliti f'dawn l-Istati Membri, ta' kapital fl-Olanda minn tali impriżi.

84. Madanakollu, skont il-ġurisprudenza, tali restrizzjonijiet huma kuntrarji għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 56 KE u 58 KE biss jekk huma l-konsegwenza ta' diskriminazzjoni ċara jew moħbija, jiġifieri jekk huma r-riżultat tal-istess sistema fiskali ta' Stat Membru li tapplika regola differenti għal sitwazzjonijiet komparabbbli jew l-istess regola għal sitwazzjonijiet differenti.

85. Meta nqabblu t-trattament, fis-sistema fiskali kkontestata, tad-dividendi li joriġinaw mill-Ġermanja u mill-Portugall ma' dik ta' dividendi ta' oriġini Olandiżi, u meta wieħed jinsab fil-livell tal-impriża ta' investiment kollettiv, wieħed jikkonstata li dawn id-dividendi, independentament mill-oriġini tagħhom, mhumiex intaxxati mid-dritt Olandiz.

86. Fil-fatt, kif jindika l-Gvern Olandiż, il-ħlas lura tat-taxxa Olandiża fuq id-dividendi, miġbura permezz ta' taxxa mħallsa f'ras il-għajn mill-kumpanniji li jqassmu d-dividendi li huma stabbiliti fl-Olanda, hija fil-fatt ekwivalenti għall-eżenzjoni tal-impriża ta' investiment kollettiv minn din it-taxxa. Il-taxxa miġbura f'ras il-għajn minn dawn il-kumpanniji mhijiex, fil-fatt, ħlief meżż ta' rkupru tat-taxxa imposta fuq id-dividendi li hija dovuta minn min jirċevihom [28]. Sa fejn impriża ta' investiment

28 — Skont l-ispjegazzjoni mogħtija mill-Gvern Olandiż, din is-sistema ta' taxxa imposta f'ras il-għajn għandha l-għan li tantiċipa t-taxxa fuq id-dħul jew dik fuq il-kumpanniji li titħallas fuq id-dividendi sabiex tevita kull forma ta' ħabi min-naħa tal-azzjonisti.

kollettiv hija intaxxata b'0 % fuq il-profitti tagħha, huwa loġiku li din it-taxxa mħallsa f'ras il-għajn hija mħallsa lura lilha [29].

87. Bl-istess mod, id-dividendi mqassma lil tali impriża minn kumpanniji stabbiliti fil-Ġermanja u fil-Portugall mhumiex intaxxati mid-dritt Olandiż fil-livell ta' din l-impriża. Għalhekk, f'dan l-istadju, d-dritt Olandiż ma japplikax għad-dividendi li joriġinaw mill-Ġermanja u mill-Portugall trattament differenti minn dak riżervat għad-dividendi Olandiżi.

88. Wara dan, meta neżamina s-sistema fiskali kkontestata fil-livell tal-azzjonisti ta' impriża ta' investiment kollettiv, nikkonstata li dawn huma intaxxati mid-dritt Olandiż fuq it-totalità tal-profitti mqassma minn din l-impriża, mingħajr ma ssir distinzjoni abbażi tal-oriġini tad-dividendi miġbura minn din. F'dan l-istadju, l-imsemmija sistema lanqas ma tipprevedi regoli differenti għad-dividendi li joriġinaw mill-Ġermanja u mill-Portugall u dawk ta' oriġini Olandiża.

29 — Fl-osservazzjonijiet tiegħu bil-miktub, il-Gvern Olandiż sostna li inizjalment il-leġiżlazzjoni kienet tipprevedi eżenzjoni tat-taxxa fuq id-dividendi, iżda din l-eżenzjoni kellha tiġi sostitwita mis-sistema kkonstestata minħabba r-restrizzjonijiet amministrattivi li kienet timponi fuq l-impriżi ta' investiment kollettiv, sabiex jiġġustifikaw il-pożizzjoni tagħhom mal-kumpanniji ta' distribuzzjoni qabel kull tqassim ta' dividendi.

89. Fid-dawl ta' din l-analiżi, il-fatt li d-dividendi li joriġinaw mill-Ġermanja u mill-Portugall huma suġġetti għal piż fiskali iktar oneruż mid-dividendi ta' oriġini Olandiża ma jirriżultax minn differenza ta' trattament imputabbli lis-sistema fiskali tal-Olanda, iżda jirriżulta mid-deċiżjoni tal-Gvernijiet Ġermaniżi u Portugiżi li jintaxxaw OESF fuq id-dividendi mqassma lil din l-impriża minn kumpanniji stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom.

90. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, is-sitwazzjoni fil-kawża preżenti hija differenti minn dik inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza Manninen, iċċitata iktar 'il fuq, li għaliha għamlet referenza l-qorti tar-rinviju kif ukoll OESF u l-Kummissjoni. Fil-fatt, f'din il-kawża, il-leġiżlazzjoni Finlandiża akkordat lill-persuni intaxxati prinċipalment fil-Finlandja kreditu fiskali għad-dividendi imqassma lill-kumpanniji stabbiliti f'dak l-Istat Membru. Dan il-kreditu fiskali kellu bħala għan il-prevenzjoni tat-tassazzjoni ekonomika doppja ta' dawn id-dividendi. Kien jikkonsisti fit-tpaċija tat-taxxa dovuta mill-kumpannija li tqassam id-dividendi bħala taxxa fuq il-kumpanniji, ma' dik dovuta mill-azzjonist bħala taxxa fuq id-dħul.

91. L-imsemmi kreditu fiskali huwa differenti f'żewġ aspetti mis-sistema ta' ħlas lura inkwistjoni fil-kawża preżenti.

92. Minn naħa, kif rajna, dan il-ħlas lura m'għandux bħala l-għan tiegħu li jieħu

inkunsiderazzjoni t-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta mill-kumpanniji stabbiliti fl-Olanda, imma li teżenta lill-impriża ta' investiment kollettiv mit-taxxa fuq id-dividendi. Min-naħa l-oħra, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża Manninen, iċċitata iktar 'il fuq, kienet tipprevedi trattament differenti għal sitwazzjonijiet komparabbli, peress li l-kreditu fiskali kien riżevat għad-dividendi mqassma mill-kumpanniji nazzjonali waqt li azzjonist Finlandiż kien ukoll intaxxat fil-Finlandja fuq id-dividendi li joriġinaw minn Stati Membri oħra u li ebda provvediment ma kien meħud mid-dritt Finlandiż biex jieħu inkunsiderazzjoni t-taxxa fuq il-kumpanniji li kienet ġiet imħallsa mill-kumpanniji li qassmu d-dividendi.

93. Barra minn hekk, l-eżenzjoni li irriżultat mis-sistema kkontestata hija differenti minn dik prevista mid-dritt Olandiż inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza Verkooijen, iċċitata iktar 'il fuq, li għaliha OESF u l-Kummissjoni għamlu referenza. Din il-liġi kienet tipprevedi, fil-fatt, eżenzjoni tat-taxxa fuq id-dħul li kienu suġġetti għaliha d-dividendi mqassma lill-azzjonisti li kienu persuni fiżiċi, bil-kundizzjoni li d-dividendi jiġu mqassma minn kumpanniji li għandhom is-sede tagħhom fl-Olanda.

94. Sa fejn dawn l-azzjonisti kienu intaxxati fl-Olanda fuq it-totalità tad-dividendi li huma jirċievu, inklużi dawk li joriġinaw minn Stati Membri oħra, il-limitazzjoni tal-eżenzjoni għad-dividendi nazzjonali kienet tikkonstitwixxi differenza fit-trattament tad-dividendi nazzjonali u tad-dividendi li joriġinaw minn Stati Membri oħra.

95. Iżda, kif diġà ġie msemmi, is-sistema fiskali Olandiża tal-impriżi ta' investiment kollettiv ma tittrattax b'mod differenti d-dividendi li joriġinaw mill-Olanda u dawk li joriġinaw mill-Ġermanja u mill-Portugall.

96. Għaldaqstant, id-domanda li tqum fil-kawża preżenti hija jekk ir-Renju tal-Olanda, f'tali sitwazzjoni, kienx obbligat mid-dritt Komunitarju li jipprevedi tpaċija tat-taxxa miġbura f'ras il-għajn fil-Ġermanja u fil-Portugall minħabba l-fatt li d-dividendi li kienu joriġinaw fl-Olanda ma kinux suġġetti għal tassazzjoni doppja.

97. Jiena ma naħsibx li dan huwa l-każ peress li d-dritt Komunitarju, f'tali sitwazzjoni, ma jobbliga la lill-Ġermanja u lill-Portugall u lanqas lill-Olanda sabiex jirrinunzjaw għas-setgħa ta' tassazzjoni tagħhom. Bħall-Gvern Olandiż, jiena tal-fehma li s-sitwazzjoni fil-kawża preżenti tista' tiġi assimilata ma' dik li tat lok għas-sentenza Kerckhaert u Morres, iċċitata iktar 'il fuq.

98. Bħal f'dik il-kawża, ninsabu quddiem sitwazzjoni li fiha d-dividendi li joriġinaw minn Stati Membri oħra huma suġġetti għal trattament identiku mill-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata u huma milquta minn tassazzjoni doppja minħabba l-eżerċizzju, minn dawn l-Istati, tas-setgħa tagħhom li jintaxxaw f'ras il-għajn. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tat-trattat relattivi għall-moviment liberu tal-kapital ma jipprekludix li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, fil-kuntest tat-taxxa fuq id-dħul, tissuġġetta għall-istess rata uniformi ta' taxxa d-dividendi ta' azzjonijiet ta' kumpanniji stabbiliti f'dan l-Istat u d-dividendi ta' azzjonijiet ta' kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor, mingħajr ma tipprevedi l-possibbiltà ta' tpaċija għat-taxxa miġbura f'ras il-għajn f'dan l-Istat Membru l-ieħor.

99. Jidhirli li tali soluzzjoni tista' tiġi applikata għal-kawża preżenti. Il-fatt li r-Renju tal-Olanda għandu fl-istess waqt il-kwalità ta' Stat ta' residenza tal-persuna taxxabbli, meta neżamina s-sistema kkontestata fil-livell ta' tassazzjoni ta' impriżi ta' investiment kollettiv, kif ukoll il-kwalità tal-Istat minn fejn joriġinaw id-dividendi, meta neżamina din is-sistema fl-istadju ta' tassazzjoni tal-azzjonisti ta' dawn l-impriżi, ma jbiddilx din l-analiżi.

100. Għall-kuntrarju, jiena mhinix tal-istess fehma bħall-Gvern Olandiż meta, fis-sistema fiskali kkontestata, inqabbel t-trattament tad-dividendi li joriġinaw mill-Ġermanja u mill-Portugall ma' dak tad-dividendi li joriġinaw minn Stati Membri oħra.

101. Hekk kif indikajt preċedentament, il-libertajiet ta' moviment jipprekludu kwalunkwe leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi, mingħajr ġustifikazzjoni, regola differenti għal sitwazzjonijiet identiċi jew l-istess regola għal-sitwazzjonijiet differenti. Hekk kif joħroġ mis-sentenza tat-12 ta' Settembru 2006 Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas [30], din il-projbizzjoni ta' miżuri diskriminatorji ma tirrigwardax biss id-differenzi fit-trattament bejn presuna taxxabbli residenti li jinvesti fl-Istat ta' residenza u persuna taxxabbli residenti li jinvesti fi Stat ieħor tal-Unjoni. Hija tapplika ukoll għall-miżuri nazzjonali li jipprevedu sistema li tagħmel distinzjoni bejn l-Istati Membri u li tittratta l-investimenti fi Stat tal-Unjoni b'mod anqas favorevoli minn dawk magħmula fi Stat Membru ieħor.

102. Huwa paċifiku li fil-kawża D, iċċitata iktar 'il fuq, ġie deċiż li d-dritt Komunitarju ma kienx jimponi lill-Olanda testendi lis-Sur D, cittadin Ġermaniż residenti fil-Ġermanja, il-benefiċċju tal-ftehim bilaterali konkluż bejn ir-Renju tal-Olanda u r-Renju tal-Bejġju. Għaldaqstant, is-Sur D ma setax jippretendi l-benefiċċju ta' tnaqqis

30 — C-196/04, Ġabra, p. I-7995, punti 43 sa 46.

fit-taxxa fuq il-propjetà dovuta fl-Olanda, li persuna taxxabbli residenti fil-Bejġju li kienet tinsab fl-istess sitwazzjoni setgħet kellha b'applikazzjoni ta' dan il-ftehim bilaterali.

103. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-differenza fit-trattament bejn D. u persuna taxxabbli residenti fil-Belġju ma kinitx kuntrarja għad-drittt Komunitarju, peress illi ma kinux jinsabu fl-istess sitwazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat din l-evalwazzjoni fuq żewġ sejbiet: min-naħa, din il-persuna taxxabbli, fil-kwalità ta' persuna naturali residenti fil-Belġju, kienet ikkuntemplata mill-imsemmi ftehim, u minn naħa l-oħra, il-fatt li d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet reċiproċi previsti minn din tal-aħħar japplikaw esklużivament għall-persuni residenti f'wieħed miż-żewġ Stati Membri kontraenti kienet konsegwenza inerenti għall-ftehim bilaterali kontra t-tassazzjoni doppja. Minn dan hija kkonkludiet li d-dispożizzjoni tal-ftehim Belġjo Olandiż li kienet takkorda l-benefiċċju tat-tnaqqis lir-residenti fil-Belġju ma kinitx tikkonstitwixxi vantaġġ li jista' jiġi separat mill-kumplament ta' din tal-aħħar, imma kienet tagħmel parti intergrali minnha u kienet tikkontribwixxi għall-ekwilibru ġenerali tagħha [31].

104. Jirriżulta li hija l-ħtieġa li jiġi ppreżervat l-ekwilibru u r-reċiproċità tal-impenji assunti b'mod bilaterali li tiġġustifika li tiġi limitata l-portata ta' applikazzjoni ta' dawn il-ftehim lill-persuni naturali u ġuridiċi kkuntemplati minn dawn tal-aħħar. Għaldaqstant hija din l-eżigenza li twassal għall-konklużjoni li mhijiex diskriminatorja d-differenza ta' trattament hekk maħluqa bejn ir-residenti ta' Stati Membri differenti li, irrispettivament mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dawn il ftehim, jinsabu fl-istess sitwazzjoni.

105. Sa fejn il-ġurisprudenza elaborata mis-sentenza D, iċċitata iktar 'il fuq, tidher eċċezzjoni għall-prinċipju ta' non diskriminazzjoni, hija għandha, fl-opinjoni tiegħi, tiġi suġġetta għal interpretazzjoni stretta. Din hija r-raġuni għaliex ma naħsibx li din il-ġurisprudenza hija applikabbli għall-kawża preżenti.

106. Fil-fatt, meta tiġi eżaminata s-sitwazzjoni ta' impriża ta' investiment kollettiv li tinvesti fil-Ġermanja jew fil-Portugall u dik ta' impriża ta' investiment kollettiv li tinvesti fi Stat Membru ieħor bħal fl-Italja, għandu jiġi kkonstatat li la l-ewwel impriża u lanqas t-tieni ma huma koperti minn ftehim bilaterali kontra t-tassazzjoni doppja.

107. Għaldaqstant, il-fatt li impriża ta' investiment kollettiv li tinvesti fl-Italja tibbenefika minn tpaċija tat-taxxa mħallsa f'ras

31 — Sentenza D., iċċitata iktar 'il fuq (punti 59 à 62). L-istess analiżi kienet adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar il-fuq, fir-rigward tad-differenza ta' trattament imposta fuq kumpanniji mhux residenti fir-Renju Unit, minħabba l-fatt li, fost il-ftehim konklużi minn dan l-Istat Membru ma' Stati Membri oħra, xi ftit minnhom kienu jipprevedu kreditu fiskali għall-kumpanniji residenti fl-imsemmija Stati Membri, waqt li oħrajn ma kinux jippreveduh (punti 84 sa 91).

il-għajn fuq id-dividendi li joriġinaw minn dan l-Istat ma jirriżultax mill-applikazzjoni awtomatika tal-ftehim bilaterali konkluż bejn ir-Renju tal-Olanda u r-Repubblika tal-Italja, imma minn deċiżjoni unilaterali tal-Gvern Olandiż li jestendi l-benefiċċju ta' dan il-ftehim lill-impriżi ta' investiment kollettiv. Għaldaqstant, ma jistax jiġi kkonstatat li d-dritt ta' tali impriżi għat-tpaċija tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn fi Stat Membru li kkonkluda ftehim bilaterali mar-Renju tal-Olanda jikkostitwixxi parti integrali minn dan il-ftehim u jikkontribwixxi għall-ekwilibriju tagħha. Għaldaqstant, l-estenzjoni tad-dritt tat-tpaċija għad-dividendi li joriġinaw mill-Ġermanja u mill-Portugall ma jipperikolax l-ekwilibriju u r-reċiproċità tal-impenji li jinsabu fil-ftehim bilaterali konklużi mir-Renju tal-Olanda.

108. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tassigura l-osservanza tal-prinċipju ta' non diskriminazzjoni, li jikkonstitwixxi l-bażi stess tas-suq intern u li jorbot lill-Istati Membri meta huma jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom fil-qasam fiskali. Jiena tal-fehma li mill-mument li l-leġiżlatur Olandiż iddeċieda li jagħti lil impriżi ta' investiment kollettiv tpaċija għat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn fil-każ ta' dividendi li joriġinaw minn ċerti Stati Membri, filwaqt li, kif indika huwa stess, ma kienx marbut li jagħmel dan minn ftehim bilaterali konklużi ma' dawn l-Istati, ma setax jeskludi minn dan il-vantaġġ id-dividendi li joriġinaw minn Stati Membri oħra bħal-Portugall u l-Ġermanja.

109. Għaldaqstant, jiena nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel domanda, paragrafu (a), tkun li l-Artikoli 56 KE u 58 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal-leġiżlazzjoni Olandiża inkwistjoni li, filwaqt li tipprevedi favur impriżi ta' investiment kollettiv tpaċija intiża sabiex tieħu inkunsiderazzjoni t-taxxa miġbura f'ras il-għajn minn Stat Membru ieħor fuq id-dividendi mqassma lill-imsemmija impriżi, tillimita din it-tpaċija għall-ammont li persuna naturali li tirrisjedi fit-territotju Olandiż setgħet tpaċi bis-saħħa ta' ftehim dwar il-ħelsien minn taxxa doppja konkluż mal-Istat Membru l-ieħor.

b) Fuq l-ewwel domanda, pargrafu (b)

110. Permezz tal-ewwel domanda, paragrafu (b), il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 56 KE u 58 KE għandhomx jiġu interepretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, waqt li jipprevedu favur impriżi ta' investiment kollettiv tpaċija intiża sabiex tieħu inkunsiderazzjoni t-taxxa miġbura f'ras il-għajn minn Stat Membru fuq id-dividendi mqassma lill-imsemmija impriżi, tillimita din it-tpaċija jekk u sa fejn l-azzjonisti tal-impriża kkonċernata huma persuni naturali li ma jirrisjedux fl-Olanda jew impriżi li mhumiex suġġetti għat-taxxa Olandiża fuq il-kumpanniji.

111. Permezz ta' din id-domanda, l-imsemmija qorti tixtieq tkun taf jekk it-tnaqqis tat-tpaċija mogħti lil OESF proporzjonalment skont is-sehem fil-kapital tagħha ta' azzjonisti li jirrisjedu jew li huma stabbilti fi Stati Membri oħra minbarra l-Olanda (il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu u r-Renju Unit) u fi Stati terzi (l-Istati Uniti u l-Isvizzera) huwiex konformi mal-libertà ta' moviment tal-kapital.

112. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li hija tistaqsi din id-domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja fid-dawl tal-fatt li impriża ta' investiment kollettiv li tinvesti fl-Olanda tibbenefika minn ħlas lura tat-taxxa miġbura f'ras il-għajn fuq id-dividendi ta' origini nazzjonali, independentament mill-post ta' residenza jew ta' stabbiliment tal-azzjonisti tagħha.

113. Kuntrarjament għall-Kummissjoni, jiena ma naħsibx li minn dan l-aspett s-sistema kkontestata tmur kontra d-dritt Komunitarju. Hekk kif rajt fil-kuntest tal-eżami ta' kompatibbiltà tal-ewwel limitazzjoni mad-dritt komunitarju, l-eżenzjoni ta' impriża ta' investiment kollettiv mit-taxxa Olandiża fuq id-dividendi ma kinitx tobbliga lir-Renju tal-Olanda jipprevedi sistema ta' tpaċija tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn fuq id-dividendi barranin.

114. Bħala riżultat, il-fatt li impriża ta' investiment kollettiv tkun suġġetta għal tnaqqis fit-tpaċija, intiż sabiex jieħu inkunsiderazzjoni t-taxxa mħallsa f'ras il-għajn fuq id-dividendi li joriġinaw minn pajjiżi oħra skont is-sehem ta' azzjonisti barranin fil-kapital tagħha, ma jmurx kontra d-dritt Komunitarju fid-dawl tal-fatt li din l-impriża hija eżenti mit-taxxa Olandiża fuq id-dividendi independentament mill-post ta' residenza jew ta' stabbiliment tal-azzjonisti tagħha.

115. Għall-kuntrarju, jiena tal-fehma li l-limitazzjoni kkontestata tmur kontra l-Artikoli 56 KE u 58 KE meta neżamina l-effetti tagħha fuq il-movimenti ta' kapital bejn impriża ta' investiment kollettiv u l-azzjonisti tagħha.

116. L-ewwel nett, fil-fatt, il-limitazzjoni inkwistjoni tirrestrinġi l-movimenti ta' kapital. B'hekk, impriża ta' investiment kollettiv li l-azzjonisti kollha tagħha jirrisjedu jew huma stabbiliti fl-Olanda u li tinvesti barra mill-pajjiż, tibbenefika minn tpaċija tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn sa' l-ammont tat-taxxa Olandiża li hija imposta fuq id-dividendi barranin. Min-naħa l-oħra, impriża ta' investiment kollettiv li parti mill-azzjonisti tagħha huma barranin tara' t-tpaċija tagħha mnaqqsa skont is-sehem ta' dawn l-azzjonisti fil-kapital tagħha.

117. F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li skont is-sistema fiskali inkwistjoni, l-ammont

ta' benefiċċji ddistribwiti lill-azzjonisti hija kkalkolata bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-ħlas lura tat-taxxa miġbura f'ras il-għajn fuq id-dividendi mqassma mill-kumpanniji stabbiliti fl-Olanda, kif ukoll tat-tpaċija mogħtija minħabba t-taxxa miġbura f'ras il-għajn barra mill-pajjiż fuq id-dividendi li joriġinaw minn Stati oħra. Wara dan, l-ammont ta' profitti għad-distribuzzjoni li jiġi b'hekk stabbilit huwa mqassam bejn l-azzjonisti tal-impriża ta' investiment kollettiv skont il-sehem tagħhom fil-kapital ta' din tal-aħħar, u l-azzjonisti tagħha huma intaxxati fuq dawn id-dividendi fl-Olanda, permezz ta' taxxa mħallsa f'ras il-għajn mill-impriża.

118. Minn dan jirriżulta li l-limitazzjoni tat-tpaċija tat-taxxa barranija skont is-sehem ta' azzjonisti barranin fil-kapital tal-impriża kkonċernata tippenalizza mingħajr distinzjoni l-azzjonisti kollha tagħha, inkwantu hija għandha l-effett li tnaqqas l-ammont totali tal-profitti għat-tqassim.

119. Għaldqstant, limitazzjoni bħal din hija ta' xkiel għall-ġabra, minn impriża ta' investiment kollettiv, ta' kapital fi Stati Membri oħra u f'pajjiżi terżi u hija tiddisswadi lill-investitutri barranin li jixtru ishma fiha.

120. Sussegwentement, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Olandiż, dawn ir-restrizzjonijiet ma jistgħux jiġu ġġustifikati mill-fatt li l-azzjonisti residenti jew stabbiliti barra mill-pajjiż mhumiex fl-istess sitwazzjoni bħal dik ta' azzjonisti residenti jew stabbbiliti fl-Olanda. Fil-fatt, kif tenfasiżża l-qorti tar-rinviju, l-azzjonisti kollha ta' impriża ta' investiment kollettiv huma intaxxati fl-Olanda fuq id-dividendi ddistribwiti minn din l-impriża, independentement mill-post ta' residenza jew ta' stabbiliment tagħhom. Jirriżulta li impriża ta' investiment kollettiv li tinvesti barra mill-pajjiż u li tinkludi azzjonisti barranin tinsab, f'dan ir-rigward, fl-istess sitwazzjoni ta' impriża ta' investiment kollettiv li tinvesti barra mill-pajjiż u li l-azzjonisti tagħha huma kollha residenti jew stabbiliti fl-Olanda.

121. Bħala konsegwenza, u konformament mal-ġurisprudenza elaborata fis-sentenza iċċitata iktar 'il fuq Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation kif ukoll Denkavit Internationaal u Denkavit France, mill-mument li r-Renju tal-Olanda ddeċieda li jagħti lill-impriżi ta' investiment kollettiv tpaċija f'forma ta' taxxa mħallsa barra mill-pajjiż u li jintaxxa lill-azzjonisti ta' dawn l-impriżi ta' investiment kollettiv independentement mir-residenza jew post ta' stabbiliment tagħhom, kellu jestendi l-benefiċċju ta' din it-tpaċija lill-impriżi ta' investiment kollettiv li għandha azzjonisti mhux residenti [32].

32 — Sentenza Denkavit Internationaal u Denkavit France, iċċitata iktar 'il fuq (punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

122. Għaldaqstant, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li r-risposta għall-ewwel domanda, paragrafu b), tkun li l-Artikoli 56 KE u 58 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru bħall-leġiżlazzjoni Olandiża inkwistjoni milli, filwaqt li tipprevedi favur impriżi ta' investiment kollettiv tpaċija intiża li tieħu inkunsiderazzjoni t-taxxa miġubra f'ras il-għajn fi Stat Membru ieħor fuq id-dividendi mqassma lill-imsemmija impriżi, tillimita din it-tpaċija jekk u sa fejn il-shareholding tal-impriża kkonċernata huwa magħmul minn persuni fiżiċi li ma jirrisjedux fl-Olanda jew minn impriżi mhux suġġetti għat-taxxa Olandiża fuq il-kumpanniji.

3. Fuq it-tieni sensiela ta' domandi preliminari

123. Il-qorti tar-rinviju tiddikjara li hija trid issib risposta għal żewġ mistoqsijiet.

124. L-ewwel nett, hija tixtieq tkun taf jekk hemmx lok li ssir distinzjoni bejn id-dividendi li joriġinaw minn Stat Membru tal-Komunità jew taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u d-dividendi ġejjin minn pajjiżi terzi. Hija ssostni li trid issib risposta għal din il-mistoqsija peress li OESF, matul l-eżerċizzju ta' kontabbiltà rilevanti, irċeviet dividendi minn kumpannija stabbilita fl-Iżvizzera.

125. It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lilha nnifisha dwar jekk il-projbizzjoni prevista mill-Artikolu 56 għandhiex l-istess portata fir-rigward tal-movimenti ta' kapital li joriġina minn u li sejjer lejn pajjiżi terżi u dawk fi ħdan l-Unjoni Ewropea u ż-ŻEE. F'dan ir-rigward, hija tixtieq li jiġi ppreċiżat jekk dan l-artikolu jimponix fuq Stat Membru l-obbligu li jirrinunzja għall-vantaġġ fil-kuntest tal-moviment liberu ta' kapital ma' pajjiż terz, filwaqt li dan tal-aħħar, ipotetikament, mhuwiex marbut mit-Trattat u għaldaqstant mhux marbut li jagħmel sagrifiċċju simili. Għalhekk, minħabba dan in-nuqqas ta' reċiproċità, għandu jiġi deċiż jekk restrizzjonijiet jistgħux jiġu ġġustifikati minħabba raġunijiet li ma jistgħux jiġu użati fik-kuntest Komunitarju.

126. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-qorti tar-rinviju tistaqsi, permezz tat-tieni domanda tagħha, paragrafu b), jekk l-Artikolu 56 KE għandux l-istess portata fir-rigward tal-moviment liberu ta' kapital li joriġina minn jew li sejjer lejn pajjiżi terzi, bħal dik fil-kuntest intrakomunitarju, u, permezz tat-tieni domanda tagħha, paragrafu ċ), jekk, fil-każ ta' risposta negattiva lid-domanda preċedenti, l-Artikolu 56 KE jipprekludix l-ewwel limitazzjoni, sa fejn din hija intiża li tieħu inkunsiderazzjoni t-taxxa imposta f'ras il-għajn f'pajjiż terż, meta din il-limitazzjoni hija motivata minħabba l-fatt li l-shareholding tal-impriża kkonċernata huwa kompost ukoll minn azzjonisti barranin.

127. Permezz tat-tieni domanda tagħha, paragrafu a), il-qorti tar-rinviju tistaqsi

jekk il-kunċett ta' "investiment dirett" użat fl-Artikolu 57(1) KE, li jippermetti lill-Istati Membri li jżommu fis-seħħ dawk ir-restrizzjonijiet għall-movimenti ta' kapital li joriġina minn jew li sejjer lejn pajjiżi terzi li jeżistu fil-31 ta' Diċembru 1993 meta jinvolvu investimenti bħal dawn, jinkludix ukoll il-pussess ta' pakkett ta' azzjonijiet f'kumpannija li ma jippermettix li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq l-amministrazzjoni jew il-kontroll ta' din il-kumpannija.

128. Fl-aħħar nett, permezz tat-tieni domanda tagħha, paragrafu a) u b), hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-fatt li l-azzjonisti barranin tal-impriża ta' investiment kollettiv kkonċernata jirrisjedu jew huma stabbiliti fi Stat Membru ieħor, jew f'pajjiż li miegħu l-Istat Membru ta' fejn l-impriża hija stabbilita kkonkluda ftehim li jipprevedi, abbażi ta' obligazzjonijiet reċiproċi, it-tpaċija tat-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi, għandux effett fuq ir-risposti mogħtija lid-domandi preċedenti.

129. Fl-ewwel lok, ser neżamina t-tieni domanda, paragrafu b), inkwantu hija tikkonċerna l-investimenti ta' OESF fi Stat terz, kif ukoll it-tieni domanda, paragrafu ċ) u a), li tagħmel referenza biss għall-dawn l-investimenti. Immedjatament wara, ser nanalizza t-tieni domanda, paragrafu b), inkwantu hija tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li numru mill-azzjonisti ta' OESF huma residenti jew huma stabbiliti fi Stat terz, kif ukoll it-tielet domanda, paragrafu b) u ċ), li tirrigwarda din is-sitwazzjoni.

130. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja t-tieni domanda, paragrafu a) sa ċ), minħabba l-fatt li OESF irċeviet dividendi minn kumpannija stabbilita fl-Iżvizzera. Jiena tal-opinjoni li din id-domanda mhijiex ammissibli peress li mhijiex neċessarja sabiex tiġi riżolta l-kawża prinċipali. Fil-fatt, jirriżulta mill-fatti mogħtija mill-qorti tar-rinviju li t-taxxi f'ras il-għajn imposti fl-Iżvizzera fuq id-dividendi mqassma lil OESF u li ġejjin minn dan l-Istat ġew meħuda inkunsiderazzjoni fil-kalkolazzjoni tat-tpaċija. Jirriżulta ukoll minn dawn il-fatti li l-uniċi taxxi f'ras il-għajn li ma ġewx meħuda inkunsiderazzjoni ġew imposti fi Stati Membri, jiġifieri fil-Ġermanja u fil-Portugall.

131. Għaldaqstant, fid-dawl tal-ġurisprudenza [33], jiena tal-opinjoni li mhemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda, paragrafu b), inkwantu hija tikkonċerna l-investiment tal-OEFS fl-Iżvizzera, u lanqas għat-tieni domanda, paragrafu ċ) li tirrigwarda speċifikament dawn l-investimenti.

132. Ser neżamina issa t-tieni domanda, paragrafu b), inkwantu hija tirreferi għas-sehem ta' azzjonisti residenti jew stabbiliti fi Stati terzi fil-kapital ta' OESF, kif ukoll it-tielet domanda, paragrafu b) u ċ).

33 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Lenz, iċċitata iktar 'il fuq (punt 52), u tal-21 ta' Frar 2006, Ritter Coulais (C-152/03, Ġabra p. I-1711, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata).

133. Fir-rigward tar-raġunijiet li għalihom il-qorti tar-rinviju tagħmel dawn id-domandi, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li teżaminahom flimkien u li tifhimhom fis-sens li din il-qorti qiegħda tistaqsi jekk il-limitazzjonijiet inkwistjoni jistgħux jiġu ġġustifikati mill-fatt li numru mill-azzjonisti tal-impriża ta' investiment kollettiv kkonċernata mhumiex residenti jew stabbiliti fi Stat Membru jew fi Stat terz li miegħu l-Istat Membru ta' stabbiliment ta' din l-impriża kkonkluda ftehim li jipprevedi, abbażi ta' obligazzjonijiet reċiproċi, it-tpaċija tat-taxxa imposta f'ras il-għajn fuq id-dividendi.

134. Huwa paċifiku li, kif ġie mfakkar preċedentament, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li ma jistax jiġi eskluż li restrizzjoni għall-movimenti ta' kapital li joriġina minn jew li sejjer lejn Stati terzi hija ġġustifikata minħabba raġuni mogħtija f'ċirkustanzi fejn din ir-raġuni mhijiex ta' natura li tikkonstitwixxi ġustifikazzjoni valida għal-restrizzjoni tal-moviment ta' kapital bejn l-Istati Membri.

135. Il-Qorti tal-Ġustizzja tat indikazzjonijiet fir-rigward tar-raġunijiet li jistgħu jiġu ammessi. Dawn ir-raġunijiet jirriżultaw mill-fatt li Stat terz mhuwiex marbut mid-dritt Komunitarju, b'mod partikolari mill-totalità ta' obligazzjonijiet ta' koperazzjoni fil-materja ta' skambju ta' informazzjoni u ta' assistenza fil-ġbir ta' djun. Il-Gvern Olandiż isostni li dawn ir-raġunijiet jistgħu ukoll jiġu dedotti min-nuqqas ta' reċiproċità fir-rispett tal-obbligi tal-Artikolu 56 KE.

136. Fi kwalunkwe każ, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti, ma naħsibx li l-limitazzjonijiet kkontestati jistgħu jiġu ġġustifikati minn raġuni speċifikament inerenti fil-moviment ta' kapital ma' pajjiżi terzi. Fil-fatt, kif diġà għidt qabel, il-limitazzjonijiet ikkontestati għandhom bħala effett li jillimitaw l-ammont totali ta' profitt imqassam bejn l-azzjonisti kollha, independentament mill-post ta' residenza jew ta' stabbiliment tagħhom u b'hekk jippenalizzaw lil dawn tal-aħħar mingħajr distinzjoni. Barra minn hekk, jirriżulta mill-indikazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju li, matul l-eżerċizzju ta' kontabbiltà rilevanti, parti mill-azzjonisti barranin ta' OESF kienu residenti jew stabbiliti fi Stati Membri oħra.

137. Konsegwentament, anki jekk wieħed jassumi li l-limitazzjonijiet kkontestati setgħu jiġu ġġustifikati minħabba raġuni speċifikament inerenti għall-movimenti ta' kapital li joriġina minn jew li sejjer lejn pajjiżi terzi li kieku l-azzjonisti kollha tal-impriża ta' investiment kollettiv kkonċernata kienu residenti jew stabbiliti fi Stat terz, tali ġustifikazzjoni ma' tistax tiġi meħuda inkunsiderazzjoni fil-kawża preżenti.

138. Għaldaqstant, nipproponi li r-risposta għat-tieni domanda, paragrafu b), u

għat-tielet domanda, paragrafu b) u ċ), tkun li l-limitazzjonijiet inkwistjoni ma jistgħux jiġu ġġustifikati minħabba l-fatt li numru mill-azzjonisti tal-impriża ta' investiment kollettiv kkonċernata mhumiex residenti jew stabbiliti fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz li miegħu l-Istat Membru ta' stabbiliment ta' din l-impriża kkonkluda ftehim li jipprevedi, abbażi ta' obligazzjonijiet reċiproċi, t-tpaċija tat-taxxa imposta f'ras il-għajn fuq id-dividendi.

4. Fuq it-tielet domanda, paragrafu a)

139. Permezz tat-tielet domanda, paragrafu a), il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-fatt li l-taxxa imposta fi Stat Membru ieħor fuq id-dividendi mqassma minn dan il-pajjiż hija iktar għolja mit-taxxa fuq id-dividendi mqassma lill-azzjonisti barranin fl-Istat Membru ta' fejn l-impriża ta' investiment kollettiv hija stabbilita, għandux effett fuq ir-risposti mogħtija lid-domandi preċedenti.

140. L-imsemmija qorti tagħmel din id-domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja għaliex ir-rata tat-taxxa imposta f'ras il-għajn fil-Portugall fuq id-dividendi mqassma lil OESF li ġejjin minn dan l-Istat Membru kienet ta' 17.5 %, filwaqt li dik tat-taxxa imposta f'ras il-għajn fl-Olanda fuq id-dividendi ddistribwiti lill-azzjonisti ta' OESF hija ta' 15 %.

141. Jiena tal-opinjoni li dan il-fatt m'għandux effet fuq ir-risposti mogħtija lill-ewwel sensiela ta' domandi preliminari.

142. Fil-fatt, fir-rigward tal-ewwel limitazzjoni, it-tpaċija mogħtija mir-Renju tal-Olanda tat-taxxa imposta f'ras il-għajn fi Stat Membru ieħor, minbarra l-Ġermanja u l-Portugall, ma tiddependix mir-rata ta' dawn it-taxxi. It-taxxi imposta f'ras il-għajn fil-Portugall għandhom, għaldaqstant, ikunu suġġetti għal trattament ekwivalenti u għandhom jagħtu lok għal tpaċija, independentement mill-fatt li r-rata tagħhom hija ogħla minn dik tat-taxxa Olandiża imposta f'ras il-għajn fuq id-dividendi distribwiti l-azzjonisti [34].

143. L-istess raġunament japplika għat-tieni limitazzjoni. It-tpaċija mogħtija minħabba taxxi imposti f'ras il-għajn fi Stat Membru ieħor minn impriża ta' investiment kollettiv li l-azzjonisti kollha tagħha jirrisjedu jew huma stabbiliti fl-Olanda, lanqas ma tiddependi

34 — F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li għall-kuntrarju ta' dak li qalet OESF fis-seduta, il-Gvern Olandiż mhuwiex marbut li jħallasha lura t-totalità tat-taxxa mħallsa fil-Portugall jekk is-sistema fiskali kkonstestata, hekk kif fimtha jien, tillimita t-tpaċija, intiża sabiex tieħu inkunsiderazzjoni t-taxxa imposta f'ras il-għajn fuq id-dividendi ġejjin minn barra l-pajjiż, għall-ammont ta' taxxa Olandiża li hija imposta fuq dawk id-dividendi. It-taxxa imposta f'ras il-għajn fil-Portugall għandha tagħti lok għad-dritt ta' tpaċija fl-istess ċirkustanzi bħat-taxxi mħallsa fl-Istati Membri l-oħra.

mir-rata ta' din it-taxxa f'ras il-għajn. Għaldaqstant, impriża ta' investiment kollettiv li l-kapital tagħha huwa miżmum parzaljment jew fit-totalità tiegħu minn azzjonisti barranin għandu jibbenefika minn din it-tpaċija independentement mir-rata ta' taxxa imposta f'ras il-għajn fl-Istat Membru ta' fejn ġejjin id-dividendi.

144. Għaldaqstant, nipproponi li r-risposta għat tielet domanda, paragrafu a), tkun li l-fatt li t-taxxa imposta fi Stat Membru ieħor fuq id-dividendi ġejjin minn dan il-pajjiż hija iktar għolja mit-taxxa fuq id-dividendi mqassma lill-azzjonisti barranin fl-Istat Membru fejn l-impriża ta' investiment kollettiv hija stabbilita, m'għandux effett fuq ir-risposti mogħtija lid-domandi preċedenti.

V — Konklużjoni

145. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li d-domandi magħmula mill-Hoge Raad der Nederlanden jiġu mwieġba b'dan il-mod:

"1) l-Artikoli 56 KE u 58 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal-leġiżlazzjoni Olandiża inkwistjoni li, filwaqt li tipprevedi favur impriżi ta' investiment kollettiv tpaċija intiża sabiex tieħu inkunsiderazzjoni t-taxxa miġbura f'ras il-għajn minn Stat Membru ieħor fuq id-dividendi mqassma lill-imsemmija impriżi, tillimita din it-tpaċija, minn naħa, għall-ammont li persuna naturali li tirrisjedi fit-territorju Olandiż setgħet tpaċi bis-saħħa ta' ftehim dwar il-ħelsien minn taxxa doppja konkluż mal-Istat Membru l-ieħor u, min-naħa l-oħra, jekk u sa fejn ix-shareholding tal-impriża kkonċernata huwa magħmul minn persuni naturali li ma jirrisjedux fl-Olanda jew minn impriżi li mhumiex suġġetti għat-taxxa Olandiża fuq il-kumpanniji.

2) Dawn il-limitazzjonijiet għall-moviment tal-kapital ma jistgħux jiġu ġġustifikati minħabba l-fatt li numru mill-azzjonisti tal-impriża ta' investiment kollettiv kkonċernata mhumiex residenti jew stabbiliti fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz li miegħu l-Istat Membru ta' stabbiliment ta' din l-impriża kkonkluda ftehim li jipprevedi, abbażi ta' obligazzjonijiet reċiproċi, t-tpaċija tat-taxxa imposta f'ras il-għajn fuq id-dividendi.

3) Il-fatt li t-taxxa imposta fi Stat Membru ieħor fuq id-dividendi ġejjin minn dan il-pajjiż hija iktar għolja mit-taxxa fuq id-dividendi mqassma lill-azzjonisti barranin fl-Istat Membru fejn l-impriża ta' investiment kollettiv hija stabbilita, m'għandux effett fuq ir-risposti mogħtija lid-domandi preċedenti".